MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru. 519/2008

**Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Charles sive Charlot Cutajar**
**omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles sive Charlot Cutajar sive PATATU ta' 45 sena, bin Dominic u Odette nee' Giacosa, imwieled Bormla fit-18 ta' Mejju 1963 u residenti fil-font Nru. 98, Triq Abram Gatt, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 275063(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju 2008 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u

liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-art 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A) Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju, 2008 minn vettura ta' l-ghamla Renault mudell Clio, ta' lewn blu u bin-numru tar-registrazzjoni: BAB-472, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq San Lawrenz, gewwa l-Birgu, ikkommetta serq ta' par 'speakers' ta' l-ghamla Kenwood, mudell mhux maghruf, bin-numru tas-serje: mhux maghruf, liema speakers jiswew 163.06 euros. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta' nuccali tax-xemx ta' l-ghamla Oakley, mudell Squarewire 2.0, liema nuccali tax-xemx jiswa 279.53 euros. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta' 'drawing board' ta' l-ghamla mhux maghrufa, liema 'drawing board' ta' l-ghamla mhux maghrufa, liema 'drawing board' jiswa 69.88 euros. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta' torch ta' l-ghamla mhux maghrufa, liema torch jiswa 31 euro. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta' par zarbun ta' l-ghamla mhux maghrufa, liema par zarbun jiswa 46.59. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta' zewg 'portable radio' ta' l-ghamla Swiftech u diversi batteriji li l-valur taghhom mhux maghruf. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta' bagalja mimlija dokumenti, liema valur taghha mhux maghruf, ghad-dannu ta' David Bonello mill-Imqabba u persuni ohra, liema serq hu kkwalfikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

B) Fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Renault, mudell Clio, ta' lewn blu u bin-numru tar-registrazzjoni:BAB-472 li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq San Lawrenz, gewwa l-Birgu, liema hsara teccedi l-116.47 euro izda mhux izjed minn 1,164.69 euro, ghad-detriment ta' David Bonello mill-Imqabba u persuni ohra.

C) Nhar il-15 ta' Gunju 2008 minn vettura ta' l-ghamla Mitsubishi, mudell L200 ta' lewn il-fidda u bin-numru tar-registrazzjoni: HAO-694, li kienet tinsab iparkeggata fi Triq Bormla gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta' zewg pari nuccalijiet, liema nuccalijiet jiswew 40 euros u 20 euros.

Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta’ tmien arloggi tal-polz, li jiswew 15-il euro. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta’ 5 euros fi flus. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta’ ktieb tac-cekkijiet tal-Bank of Valletta, ghad-dannu ta’ Mario Falzon mill-Fgura u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

D) Fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta’ l-ghamla Mitsubishi, mudell L200 ta’ lewn il-fidda u bin-numru tar-registrazzjoni: HAO-694, li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq Bormla, gewwa l-Fgura, liema hsara teccedi l-116.47 euro izda mhuz izjed minn 1,164.69 euro, ghad-detriment ta’ Mario Falzon mill-Fgura u persuni ohra.

E) Fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju 2008, minn vettura ta’ l-ghamla Peugeot, mudell 106 ta’ lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAF-334, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant’ Anglu, gewwa z-Zejtun, ikkommetta serq ta’ stereo tal-karozza ta’ l-ghamla Pioneer, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema stereo jiswa 100 euro. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta’ kaxxa mimlija bl-ghodda, li l-valur taghha mhux maghruf. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq diversi ‘parts’ tal-kompjuter u diversi CD’s, li l-valur taghhom mhux maghruf. Fl-istess data, hin u lok, ikkommetta s-serq ta’ diversi lbies, li l-valur taghhom mhux maghruf, ghad-dannu ta’ Massimo Spiteri Terribile minn Tas-Sliema u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa.

F) Fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot, mudell 106 ta’ lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAF-334 liema vettura kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant’ Anglu, gewwa z-Zejtun, liema hsara teccedi l-116.47 euro izda mhux izjed minn 1,164.69 euro, ghad-detriment ta’ Massimo Spiteri Terribile minn Tas-Sliema u persuni ohra.

G) Fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju, 2008, minn vettura ta’ l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta’ lewn hamrani u

bin-numru tar-registrazzjoni: AUD-241, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant' Anglu gewwa z-Zejtun, ikkommetta serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Kenwood, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema stereo jiswa 116-il euro. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta' ammont ta' CDs, li l-valur taghhom mhux maghruf. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq tal-licenzja tas-sewqan ta' Audrey Busuttil, ghad-dannu ta' l-istess Audrey Busuttil miz-Zejtun u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

H) Fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta' lewn hamrani u bin-numru tar-registrazzjoni: AUD-241, liema vettura kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant' Anglu, gewwa z-Zejtun, liema hsara teccedi l-116.47 euro izda mhux izjed minn 1,164.69 euro, ghad-detriment ta' Audrey Busuttil miz-Zejtun u persuni ohra.

I) Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju 2008, minn vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 106, ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAD-278, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant' Anglu, gewwa z-Zejtun, ikkommetta serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Kenwood, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa liema valur tieghu mhux maghruf. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta' ammont ta' CDs, li l-valur taghhom mhux maghruf, ghad-dannu ta' l-istess William Gatt miz-Zejtun u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

J) Fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 106 ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAD-278, liema vettura kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Sant' Anglu, gewwa z-Zejtun liema hsara teccedi l-116.47 euro izda mhux izjed minn 1,164.69 euro ghad-detriment ta' William Gatt miz-Zejtun u persuni ohra.

K) Nhar is-16 ta’ Gunju 2008 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, xjentement f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u xjentement b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

L) Nhar is-16 ta’ Gunju 2008, gewwa Bormla, wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu hwejjeg misruqa minaghajr ma ta kont sodisfacenti kif dawn kienu gew Legittimament ghandu.

M) Nhar is-16 ta’ Gunju 2008 gewwa Bormla, wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma’ ta kont sodisfacenti ghal liema skop Legittimu instabu ghandu.

Sar recidiv ai termini ta’ l-art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Lil omissis wahdu:

Barra minn hekk talli, omissis kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-22 ta’ Mejju, 2006 u mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-21 ta’ Gunju 2007.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art.383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta' Mejju 2012 (esebita a fol. 386 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikoli 18, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278, 281, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(h) fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(i) fl-artikoli 18, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278, 281, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(j) fl-artikoli 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(k) fl-artikoli 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(l) fl-artikoli 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(m) fl-artikoli 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(n) fl-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(o) fl-artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 383, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Settembru 2012, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw diversi serqiet li saru minn vetturi fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Gunju 2008 mill-Birgu, l-Fgura u z-Zejtun fejn giet ukoll kagunata hsara volontarja fil-vetturi li minnhom insterqu varji oggetti bhal stereos, kompjuter equipment cd's eccetera.

F'dawn il-proceduri xehed l-Ispettur Jesmond Borg (a fol 44) fejn qal li fis-16 ta' Gunju 2008 gie mitlub jassisti Pulizija tal-Iskwadra Mobbli minhabba li kienu waqqfu xi persuni fil-vicinanzi ta' Cafe Riche gewwa Bormla. Saret tfittxija fil-vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni IAA 527. Fiha kien hemm rekbin Charles sive Charlot Cutajar u Leandross Cutajar. Fil-vettura nstabu diversi affarijiet li setghu gew minn serq u minn hemm dawn il-persuni nzammu arrestati u ttiehdu gewwa l-Ghassa ta' Bormla ghall-aktar investigazzjoni. Waqt it-tfittxija li saret fil-karozza instabu speakers, batteriji ta' radios, stereo, diversi fwejjah u affarijiet ohra li instabu fis-sedil ta' wara tal-karozza. Meta fethu l-bagoll tal-vettura l-Pulizija sabu diversi affarijiet ohra fosthom apparat tal-kompjuter, hwejjeg u oggetti ohra li jistghu jintuzaw ghal sgass. Meta l-Ispettur Borg kellem lil Charles sive Charlot Cutajar dan qal li ma kien jaf xejn bihom u li l-affarijiet kienu ta' Leandross Cutajar filwaqt li Leandross Cutajar ma ta ebda spjegazzjoni dwar kif dawn l-affarijiet gew fil-pussess tieghu. L-Ispettur Borg spjega li minn ricerka li ghamel irrizulta li xi affarijiet li nstabu kienu misruqa. Fost id-derubati kien hemm certu David Bonello u meta dan gie muri l-affarijiet li nstabu huwa gharaf xi batteriji kif ukoll walkie talkies, basket li kien gabu minn Tunes u torch zghir. David Bonello kkonferma wkoll li kien garrab xi hsarat fil-vettura tieghu meta gew misruqa l-affarijiet li kellu fiha. Irrizulta wkoll li certu Mario Falzon kien ghamel rapport li meta kellu l-vettura tieghu pparkjata gewwa l-Fgura minn gewwa fiha kienu nsterqulu xi arloggi, cheque book, zewg pari nuccalijiet u xi haga zghira tal-flus. Huwa

kien ta deskrizzjoni ta’ dawn l-arloggi u fil-fatt kien gharaf l-istess arloggi li kienu gewwa l-ufficcju tal-ispettur. Dan kellu wkoll hsara fil-vettura tieghu. Derubat iehor irrizulta li kien Mario Spiteri Terribile fejn qal li kellu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAF 334 parkeggjata gewwa z-Zejtun fejn insterqulu diversi affarijiet minn gewwa fiha li kienu jinkludu parts ta’ kompjuter u zewg towers tal-kompjuter u affarijiet ohra relatati mal-uzu tal-kompjuters u mal-karozzi. Dan ix-xhud gharaf uhud mill-oggetti li nstabu fil-vettura ta’ Cutajar bhala l-oggetti li kienu nsterqulu. L-Ispettur Borg xehed ukoll li kienet saret serqa ohra minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni AUD 241 li kienet parkeggjata z-Zejtun u li kienet tappartjeni lil Audrey Busuttil minn fejn insterqu xi cd’s li sussegwentement gharafhom ir-ragel ta’ Audrey Busuttil meta huwa gie muri l-oggett li gew misjuba fil-vettura mwaqqfa mill-Pulizija. Din il-vettura garbet ukoll xi hsara meta nsterqu dawn l-oggetti minn gewwa fiha. Minn vettura ohra ta’ William Gatt bin-numru ta’ registrazzjoni CAD 278 insteraq l-istereo u William Gatt gharaf xi CD’s li kienu tieghu li nstabu fil-vettura li kien rikeb l-imputat flimkien ma’ Leandross Cutajar. L-Ispettur Borg kompla jispjega li wara din is-sejba ta’ oggetti li gew identifikati mill-vittmi tar-reat huwa kellem lill-imputat fejn dan qallu li dakinhar tal-allegati serqiet huwa ma kellu x’jaqsam xejn. Huwa qal li kien qam ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar sabiex imur jiehu l-methadone. L-imputat kien qal ukoll li l-arlogg kien gabhom missier Leandross sabiex jinbieghu.

F’dawn il-proceduri xehdet Audrey Busuttil (a fol 70) fejn hija kkonfermat l-oggetti li nsterqu minn gewwa l-vettura u liema affarijiet gew mgharfa fl-istess ufficcju tal-Ispettur. Hija qalet li l-vettura taghha garbet diversi hsarat izda stima tal-affarijiet ma ngabitx. Ir-ragel taghha u Clint Busuttil ikkonferma (a fol 74) li kien gharaf xi CD’s li huwa stess kien ghamel u li kienu nsterqu minn gewwa l-karozza tal-mara tieghu. Xehed ukoll David Bonello (a fol 76) fejn ikkonferma s-serqa li huwa sofra minn gewwa l-vettura tieghu. Huwa qal ukoll li meta gie muri xi affarijiet gewwa l-ufficcju tal-ispettur li kienu nstabu fil-vettura ta’ Charles sive Charlot Cutajar kien gharaf li jinkludu radio VHF u batteries fost affarijiet ohra. Huwa esebixxa wkoll

stima tal-hsara li huwa sofra kagun ta’ din is-serqa. Xehed ukoll Massimo Spiteri Terribile (a fol 80) fejn qal li kien ghamel rapport mal-Pulizija li minn gewwa l-vettura tieghu kien insteraq fost affarijiet ohra stereo tal-marka Pioneer. Huwa gharaf mir-ritratti parti mir-res furtiva li nstabet u li kienet tappartjeni lilu. Huwa esebixxa wkoll stima tal-hsara li huwa sofra fil-vettura tieghu. Xehed ukoll Mario Falzon (a fol 83) fejn dan qal li kien sofra xi serq minn gewwa l-vettura tieghu meta din kienet ipparkjata gewwa l-Fgura. Minn gewwa fiha ittiehdu diversi affarijiet fosthom cheque book. Ftit taz-zmien wara, kien gie mghajjat sabiex ikellem l-Ispettur gewwa l-Ghassa ta’ Bormla minhabba fejn infurmawh li setghu sabu xi affarijiet li kienu nsterqu minn gewwa l-vettura tieghu. Huwa esebixxa stima tal-hsarat li huwa sofra. Xehed ukoll William Gatt (a fol 86) fejn qal li kien sofra serq minn gewwa l-vettura tieghu meta din kienet ipparkjata gewwa z-Zejtun. Minn gewwa fiha ittiehdu diversi affarijiet fosthom stereo u xi CD’s. Ftit taz-zmien wara kien gie mghajjat sabiex ikellem l-Ispettur Borg  gewwa l-ghassa ta’ Bormla u gharaf xi affarijiet li kienu nsterqu minn gewwa l-vettura tieghu. Huwa esebixxa wkoll stima tal-hsarat li huwa sofra. Xehed ukoll PC 1600 Gilbert Gatt (a fol 144) fejn qal li fis-16 ta’ Gunju 2008 waqt li kien qieghed jaghmel ronda flimkien ma’ PC 626 gewwa Bormla fil-vicinanzi tal-Cafe Riche lemhu vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni IAA 527 liema vettura hija registrata fuq Charles Cutajar (a fol 173). Illi din il-vettura twaqfet mill-Pulizija u bhala xufier kien hemm Charlo Cutajar u Leandross Cutajar kien passiggier. Fuq is-seat ta’ wara tal-karozza kienu jidhru xi affarijiet. Illi meta fittxew fiha sabu li kien hemm xi speakers ta’ karozzi, fwejjah, basket b’VHF radios u batteries. L-imputat flimkien ma’ Leandross Cutajar inzammu arrestati u l-istess xhud gharaf mid-diversi ritratti li gew esebiti l-oggetti li kien sab gewwa l-vettura. Irrizulta wkoll li anki kienu fethu l-bagoll tal-istess vettura u nstabu diversi affarijiet ohra fosthom oggetti relatati mal-computers, fanal ta’ vettura u affarijiet ohra. Xehed ukoll PC 626 Gancarlo Benetti (a fol 147) kien qieghed jaghmel ronda flimkien ma’ PC 1600 fl-inhawi ta’ Bormla. Huma nnotaw vettura li kienet misjuqa minn Charles sive Charlot Cutajar. Din il-vettura twaqqfet u saret tfittxija gewwa fiha.

Meta kienu qeghdin jitkellmu maghhom innotaw diversi affarijiet imxerdin fuq is-seat ta’ wara li kienu radio VHF, arloggi godda, fwejjah u basket. Huwa qal li meta staqsa dwar minn fejn gabu dawn l-affarijiet Leondross u Charlo’ Cutajar qalulhom li kienu sabuhom. Xehed Peter Bonello (a fol 243) fejn gie nominat biex jaghmel stima tal-oggetti in kwistjoni u li gew valutati li jiswew €225. Giet esebiti wkoll relazzjoni a fol 245.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll Leandross Cutajar (a fol 370) fejn qal li huwa kien ghadda proceduri fuq serq fuq l-istess kaz. Huwa qal li filghaxija kien hareg bil-karozza ta’ Charles sive Charlot Cutajar li ma jiftakarx x’kien n-numru ta’ registrazzjoni taghha. Huwa qal li ha l-karozza ta’ Charles sive Charlot Cutajar u cioe’ tal-imputat waqt li dan tal-ahhar kien rieqed. Huwa qal li minhabba l-vizzju tad-droga huwa kien hareg sabiex jixtri izda minflok kellu mohhu sabiex jara kif sejjer igib xi haga tal-flus minhabba d-droga. Huwa qal li mar idur bil-karozza u seraq diversi affarijiet izda sa’ filghodu kien diga biegh hafna mill-affarijiet li kien seraq. Meta filghodu mar flimkien mal-imputat sabiex jiehdu l-mistura methadone u kienu fl-akwati ta’ Bormla gew imwaqqfa mill-Pulizija li arrestawhom. Huwa qal li l-affarijiet li nstabu fuq is-seat ta’ wara kif ukoll fil-booth tal-karozza ta’ Charles sive Charlot Cutajar kienu uhud mill-affarijiet li huwa kien seraq il-gurnata ta’ qabel u kienu l-affarijiet li ma kienux tajbin ghall-bejgh. Huwa kkonferma (a fol 376) li fil-fatt meta kien mar jisraq huwa kien wahdu u li l-imputat kien qieghed id-dar dak il-hin u ma giex mieghu. Huwa qal li fil-fatt kien hallih rieqed id-dar minhabba li kien ha xi kalmanti.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (a fol 313) fejn qal li huwa kien joqghod ghand Leandross Cutajar u missieru u dan kien ilu hemm ghal madwar xahar. Huwa qal li fil-fatt kien ihalli lil Leandross juza l-vettura tieghu u f’dak il-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju 2008 kien ha l-medicina u raqad. F’xi hin filghodu gew jippruvaw iqajmuh Leandross u missieru izda ma felahx iqum u qalilhom sabiex iqajmuh aktar tard. Kif telqu mid-dar sabiex imorru ghal mistrura u waqt li kienu gewwa Bormla waqfuhom il-Pulizija. Meta bdew jaghmlu tfittxija l-Pulizija sabu diversi

affarijiet u Leandross qallu li kien sabhom izda meta marru l-Ghassa tal-Pulizija irrizulta li fil-fatt dawn kienu misruqa. Huwa qal li dawn l-affarijiet li kien hemm fil-karozza ma kienx rahom qabel.

Ikkunsidrat

F’dawn il-proceduri xehdu l-vittmi kollha nvoluti. Mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 44) irrizulta li l-Pulizija waslet sabiex tressaq lill-imputat u takkuzah bl-akkuzi odjerni wara li l-Pulizija tal-Iskwada Mobbli kienu qeghdin jaghmlu r-ronda taghhom fl-inhawi ta' Bormla. Illi l-imputat Charles sive Charlot Cutajar flimkien ma' Leandross Cutajar gew arrestati minhabba li fuq is-seat ta' wara kien hemm diversi affarijiet li setghu gew misruqa kif ukoll kien hemm oggetti ohra fil-bagoll tal-vettura ta’ Charles sive Charlot Cutajar. Huma gew interrogati mill-Ufficjal Investigattiv fejn l-imputat sostna li fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju 2008 huwa kien rieqed u li fis-16 ta’ Gunju huwa qam tard sabiex imur jiehu l-medicina minhabba li ghandu problema tad-droga. Mill-provi rrizulta li meta l-Ispettur Borg kellem lil missier Leandross Cutajar fejn dan tal-ahhar inizjalment kien ko-akkuzat mal-imputat izda sussegwentement ammetta li kien hu li wettaq is-serqiet in dizamina u gie misjub hati u l-proceduri fil-konfronti tieghu ghaddew in gudikat, dan qallu li Charles sive Charlot Cutajar kien hareg kmieni filghodu ghall-mistura. Missier Leandross Cutajar ma ngabx sabiex jixhed f’dawn il-proceduri. Meta Leandross Cutajar ghazel li jammetti l-akkuzi kontra tieghu kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk Leandross Cutajar seta’ jittella’ mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed fil-kawza kontra l-imputat Kif diga’ gie indikat aktar ‘il fuq dan ix-xhud ikkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat a tempo vergine meta gie nterrogat mill-Pulizija li kienet l-istess verzjoni li ta meta ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri. Leandross Cutajar qal li fil-15 ta’ Gunju 2008 filghaxija kien hareg bil-karozza ta’ Charles sive Charlot Cutajar waqt li dan tal-ahhar kien rieqed u kien mar jeffetwa xi serqiet minn vetturi u sal-ghada filghodu kien diga biegh hafna mill-affarijiet li kien seraq u fil-vettura tal-imputat kien baqa’ biss dawk l-affarijiet li ma

kienux tajbin ghall-bejgh. Leandross Cutajar sostna li l-imputat bl-ebda mod ma kien involut mieghu fis-serqiet. Huwa qal ukoll lli meta l-ghada filghodu mar flimkien mal-imputat sabiex jiehdu l-methadone bil-karozza tal-imputat gew imwaqqfa mill-Pulizija waqt li kienu fl-akwati ta' Bormla. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha kontra l-imputat esklussivament fuq il-fatt lli uhud mill-oggetti misruqa nstabu fil-vettura tieghu. Il-Qorti izda tinsab rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-imputat dejjem innega li kien involut fis-serq jew fir-ricettazzjoni tal-oggetti misruqa u b'sitwazzjoni fejn il-persuna li kien qed jakkompanjah fil-vettura meta gie mwaqqaf mill-Pulizija jghid li l-imputat ma kellu x' jaqsam xejn mas-serqiet de quo. Il-Qorti setghat tinnota li l-Pulizija ma effetwat ebda ezamijiet forensici fuq il-vetturi li minnhom sar is-serq u ghalhekk ma  giex stabbilit jekk kienx hemm xi impronti digitali tal-imputat fuq l-istess vetturi jew fuq l-oggetti li nstabu fil-vettura tieghu. F'sitwazzjoni fejn Leandross Cutajar jghid b'mod car li kien l-unika persuna responsabbli ghal dan is-serq u li l-imputat Charles sive Charlot Cutajar kien rieqed meta huwa mar jisraq u fejn il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien involut fis-serq de quo jew fir-ricettazzjoni tal-oggetti misruqa din il-Qorti ma jidrilhiex li l-istess Prosekuzzjoni tista' titqies li rnnexxilha tipprova l-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni setghat facilment ghamlet l-ezamijiet forensici qabel ma bdew dawn il-proceduri u mbaghad kienet titlob li jigu elevati l-impronti digitali tal-imputat sabiex isir ezami komparattiv u b'dan il-mod kienet tkun qed tissodisfa l-oneru u l-obbligu taghha li tressaq l-ahjar prova.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------